# CHARLES J. SCICLUNA

GĦALL-GRAZZJA TA' ALLA

U TAS-SEDE APPOSTOLIKA

ARĊISQOF TA' MALTA


## DIGRIET

Wara li qist:

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE magħruf bħala *Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data*;

Il-ħtieġa ta' normattiva kanonika li tartikola b'mod wiesgħa il-Kanoni 220 tal-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku li jħares il-fama tajba u l-privatezza;

It-tagħlim tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II li fil-Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum, *Gaudium et Spes,* f'numru 76 isostni li l-Knisja hi ordinament ġuridiku indipendenti u awtonomu, u li għalhekk għandha d-dritt nattiv u proprju li tikseb, tikkonserva, informazzjoni u data dwar persuni fidili, entijiet, u għaqdiet ekkleżjali u tużahom għall-finijiet istituzzjonali;

Il-ħtieġa li din l-attivita' għandha tħares b'mod xieraq id-dinjita' tal-persuna u d-drittijiet fundamentali tagħha;

Il-ħtieġa li l-Knisja taħdem biex tipproteġi id-dritt tal-privatezza kif jixraq is-sensibilita' tas-soċjeta' ċivili llum;

Wara li Artiklu 91 tar-*Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data* jistabbilixxi li Knejjes fi Stati Membri li għandhom regoli komprensivi b'rabta mal-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar, tali regoli jistgħu jkomplu japplikaw, dment li dawn jinġiebu f'konformità ma' dan ir-Regolament;

Wara li ħarist lejn Kanoni 29, 391, u 455 § 4;

**NIPPROMULGA**

Id-Digriet Ġenerali anness, fil-lingwa ingliża, imsejjaħ *General Decree on the Protection of Data* u nistabbilixxi li l-promulgazzjoni issehh billi kopja ta' dan id-Digriet titwahhal u tkun esposta fin-notice board tal-Kurja.

Nistabilixxi ukoll li id-Digriet Ġenerali jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2018.

Mogħti mill-Kurja Arċivescovili ta' Malta, il-Furjana, illum 20 t'April 2018.

Lawrence Gatt
Kanċillier

✠ Charles J. Scicluna
Arċisqof ta' Malta